

Brussell, 16 ta' Jannar 2024  
(OR. en)

5213/24

LIMITE

AGRI 12  
AGRILEG 4  
SEMENCES 1  
PI 3

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	16607/23 ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti – <i>Adozzjoni</i>

1. F'konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94<sup>1</sup>, il-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) jinħatar mill-Kunsill minn lista ta' kandidati li għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv tas-CPVO.
2. Il-mandat tal-President preċedenti ntemm fit-18 ta' Frar 2023.
3. Fis-6 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar il-lista mqasra ta' kandidati, sussegwentement infurmat lill-Kunsill b'dik id-deċiżjoni u baġtet id-dokumentazzjoni rilevanti (ittri ta' motivazzjoni u curricula vitae tal-kandidati)<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1).

<sup>2</sup> 12311/23

4. Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-proċedura tal-għażla għall-ħatra attwali<sup>3</sup>.
5. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri/Attachés (Agri - Riżorsi Ġenetiċi u Innovazzjoni fl-Agrikoltura) fl-4 ta' Diċembru 2023, id-delegazzjonijiet ivvutaw b'vot sigriet, f'konformità mal-proċedura tal-għażla approvata mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, u żammew kandidat wieħed għall-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-ħatra sussegwenti mill-Kunsill.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa għalhekk mistieden:
  - jikkonferma lis-Sur Stefan MARTIN bħala l-kandidat biex isir il-President il-ġdid tal-Bord tal-Appell tas-CPVO;
  - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni li taħtar lis-Sur Stefan MARTIN bħala President tal-Bord tal-Appell tas-CPVO, kif tinsab fid-dokument 16888/23 wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti;
  - jissuġġerixxi lill-Kunsill jiddeċiedi li jipubblika d-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>3</sup> 15159/23